MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 100/2013

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmel Pace**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Carmel Pace [detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 67862 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fix-xhur ta' Settembru 2012 u Ottubru 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Anna Calleja u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Frar, 2013, li biha wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu xahar prigunerija.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta’ Frar, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tikkonfermaha in kwantu ghas-sejbien ta’ htija, u li tvarjaha in kwantu ghall-piena inflitta billi tikkundannah ghal piena aktar miti, gusta u ekwa skond il-ligi u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Umilment l-appellant jikkontendi illi s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu hija eccessivament oneruza u mhux ekwa skond il-Ligi.

Dan huwa evidenti minn analizi tal-kazistika tal-Qrati Maltin.

Jigi rilevat immedjatament li l-esponenti bl-agir tieghu ma ried bl-ebda mod jonqos mir-rispett lill-Onorabbli Qorti Civili, Sezzjoni Familja. L-esponenti naqas milli jhallas il-manteniment ghax-xhur ta’ Settembru u Ottubru 2012 mhux b’kapricc, bi sfida, jew b’nuqqas ta’ rispett lejn l-imsemmija Qorti, izda minhabba c-cirkostanzi li huma tali li huwa jinsab fi glieda kostanti sabiex ilehhaq mal-ispejjez, u ghall-imsemmi xhur kien jinsab f’pozizzjoni fejn bl-ebda mod ma seta’ jversa l-pagamenti.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat ukoll illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li din kienet l-ewwel darba li l-esponenti gie akkuzat bil-kontravvenzjoni mertu ta’ dan l-

umli appell. L-esponenti jirrileva wkoll li dan tant hu minnu li ma ngabitx imputazzjoni ta' recidiva kontrih.

Meta wiehed jgharbel il-kazistika johrog b'mod ampjament car li dan il-fatt ghandu jiffiehed in konsiderazzjoni.

In lineja mas-suespost, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Joseph Mifsud", deciza mirin dina l-Onorabbli Qorti, presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Dr. M. Mallia, fl-14 ta' Frar 2013, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-fedina penali tal-imputat kienet turi li qatt qabel ma kien instab hati tal-istess reat, u ghalhekk irriformat li piena li kienet giet inflitta mill-Ewwel Qorti, u cioe dik ta' gimgha detenzjoni, ghal piena aktar miti u cjoe illiberat lill-imputat taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.
Huwa minnu li mirthabba li l-appellant naqas li jhallas ghal xahrejn l-atteggjament tieghu gie milqut mill-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, u b'hekk gie espost ghal piena ferm aktar harxa minn dik normalment possibbli ghall-imputazzjoni migjuba kontrih, izda huwa minnu wkoll li din hija sitwazzjoni komuni hafna meta wiehed jgharbel il-kazijiet li bihom gew rinfaccjati l-Onorabbli Qrati. Huwa minnu wkoll lil kazijiet juru b'mod ampjament car li f'dawn ic-cirkostanzi m' ghandhiex tinghata piena tant harxa u gravuza.

Illi l-ghan tal-kontravvenzjoni fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali gie ben deskritt fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Publius Said", fejn intqal:

*"l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament."*

Illi hawn jigi rilevat illi l-appellant ser jaghmel hiltu kollha sabiex jissalda d-debitu li ghandu ma' martu Anna Calleja mill-aktar fis possibbli. Huwa f'dan id-dawl li ghandu jigi kkunsidrat dan l-umli appell, waqt li dejjem jinzamm

prezenti li dawn huma l-ewwel proceduri li fihom l-appellant gie akkuzat bl-imputazzjoni mertu ta' dan l-umli appell.

In linea mas-suespost, l-esponenti umilment jargumenti li l-kazistika turi li l-piena inflitta fuqu hija tassew gravuza wisq. Fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Gaetan Gatt", deciza fis-16 ta' Jannar 2013, l-akkuzat naqas milli jhallas il-manteniment minn Mejju 2011 sa Dicembru 2011, u cioe ghal tmien xhur shah, u ghalhekk gie kkundannat ghal tliet xhur prigunerija. Madanakollu, l-Onorabbli Qorti tal-Appell irriformat is-sentenza tal-Ewwel Qorti billi ssospendiet l-ezekuzzjoni tal-imsemmi perijodu ta' prigunerija, li b'hekk ma kellhiex tidhol fis-sehh sakemm l-akkuzat ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena.

Umilment l-esponenti jissottometti illi gjaladarba nghatat piena aktar miti f'dan il-kaz, aktar u aktar ghandha tinghata piena aktar milli fil-kaz odjern, ghax mhux biss l-appellant naqas milli jaghmel il-pagament dovut ghal anqas xhur, izda l-appellant ukoll jinsab f'pozizzjoni fejn ma jistax ihallas.

Huwa pertinenti wkoll li jigi rilevat li meta jithallas il-pagament dovut il-Qorti tiehu konsiderazzjoni ta' dan il-fatt, minhabba li l-ghan tal-kontravvenzjoni fl-artikolu 338(z) huwa dak suespost. Tant hu hekk li fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Patrick Spiteri" , l-akkuzat kien naqas li jaghmel erba' (4) pagamenti, u cioe id-doppju tal-ammont concernat fil-kaz odjern. Jibda sabiex jinghad li anke in prim'istanza l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet ikkundannatu ghal xahar detenzjoni, u mhux prigunerija. Izda meta saru l-pagamenti dovuti, l-Onorabbli Qorti tal-Appell irriformat is-sentenza u kkundannatu biss biex ihallas ammenda ta tmienja u hamsin ewro (€58). L-ebda aggravju tal-akkuzat ma ntlaqa' f'dak il-kaz, izda l-Qorti xorta wahda pprocediet sabiex taghti sentenza aktar milli minhabba l-pagamenti li saru.

Decizjoni analoga ittiehdet mill-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Raymond Parnis", fejn piena ta' xahrejn detenzjoni moghtija mill-Ewwel Qorti giet riformata ghal

ammenda ta tmienja u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin ewro centezmu (€58.23) minhabba li l-appellant f’ dak il-kaz kien issodisfa l-ammont dovut.

L-eccessiva onerozità tal-piena inflitta fuq l-esponenti tidher b’mod ampjament car meta mqabbla mal-kawza fi-ismijiet “Il-Pulizija v. Mary Grace Buhagiar”. L-akkuzata hawnhekk kienet instabet hatja li naqset milli taghmel il-pagamenti dovuti ghax-xhur ta’ April, Mejju, u Gunju 2011. L-Ewwel Qorti illiberatha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tliet xhur, skond il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446. L-Onorabbhi Qorti tal-Appell irriformat is-sentenza u tatha biss canfra u twiddiba skond l-artikolu 15(1) tal-Kodici Kriminali.

Ta’ mm jirrileva li mhux biss l-akkuzata fil-kaz supra citat kienet naqset milli thallas ghal tliet xhur, u mhux tnejn bhall-appellant odjern, izda baqghet anke tikkuntesta l-htija taghha sakemm malli sar il-pagament dovut gie rtirat l-aggravju dwar il-htija fl-istadju tal-appell, filwaqt li l-appellant odjern ammetta immedjatament l-imputazzjoni migjuba kontrih.

Rat li fis-seduta ta’ llum mart l-appellant ikkonfermat li kienet thallset il-manteniment ghax-xhur ta’ Settembru 2012 u Ottubru 2012 kollu kemm hu.

Ghalhekk il-Qorti qed tirriforma s-sentenza moghtija fit-18 ta’ Frar, 2013 billi waqt li qed tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih qed tirriformaha fejn ikkundannatu ghal xahar prigunerija u minflok qed tikkundannah ihallas ammenda komplessiva ta’ €100 (mitt Euro).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------